**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 8 ta' Ottubru, 2019**

**Rikors nru: 34/08 AGV**

ABC

**vs**

DC

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent pprezentat fil-21 ta' Jannar, 2008 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet, ossia r-rikorrenti ABC u l-intimat DC izzewwgu nhar il-Hamis erbgha (4) ta' Dicembru tas-sena, 1980 u dana skond l-Att taz-Zwieg numru 2371/1980, li vera kopja tieghu qiedgha tigi annessa ma' dan ir-

rikors u mmarkata bhala “Dok. A” u minn dan iz-zwieg twieldu zewg ulied, E u F, it-tnejn ghalqu t-tmintax-il sena.

2. Illi l-intimat irrenda ruhu hati ta’ adulterju, vjolenza fizika u morali, theddid, sevizzi, ingurji u offizi gravi fil-konfront tar-rikorrenti u dan sahansitra quddiem uliedhom u peress illi ghalhekk giet reza impossibbli l-hajja konjugali bejniethom.

3. Illi l-partijiet gew awtorizzati jipprocedu ghas-separazzjoni personali permezz ta’ digriet datata 5 ta’ Dicembru, 2007 Dok. B.

Ghaldaqstant, ighid l-intimat ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi Mifsud minhabba adulterju, vjolenza fizika u morali, theddid, sevizzi, ingurji u offizi gravi li l-istess intimat ikkometta kontra martu.
2. Tiffissa sommma adegwata ghall-manteniment tar-rikorrenti u tordna sabiex din is-somma tithallas mill-intimat direttament lir-rikorrenti f’data ffissata minn din l-Onorabbli Qorti kull xahar.
3. Tiddikjara u tiddeciedi li l-intimat iddekada mid-dritt tieghu tal-manteniment.
4. Ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti ta’ bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess komunjoni f’zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lir-rikorrenti u l-ohra lill-intimat, okkorrendo billi jigi nominat perit, nutar sabiex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirrapprezenta l-kontumacja fuq l-istess att.
5. Tillikwida l-assi parafernali tar-rikorrenti u tassenja l-istess assi lir-rikorrenti.

6. Tiddikjara li r-rikorrenti ghandha d-dritt li tirrisjedi fid-dar konjugali u cioe' fil-fond, Navillus Flats, Flt.4, Triq Lapsi, San Giljan ad eskluzjoni tal-intimat.
7. Tapplika kontra l-intimat is-sanzjonijiet kontemplati fid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kodici Civili.

Bl-ispejjes kontra l-intimat ingunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta Guramentata tal-konvenut li eccepixxa illi:-

1. Illi l-esponent jaqbel li tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti izda mhux ghar-ragunijiet lilu imputabbli imma stante sevizzi, eccessi, minacci u ngurji gravi kommessi kontrih minn martu u/jew minhabba li z-zwieg taghhom tkisser irrevokabilment.

2. Illi l-eccipjent jichad it-tortijiet lilu addebitati bir-rikors guramentat premess, liema akkuzi minghajr provi sostenibbli jikkostitwixxu ingurji gravi kontrih.

3. Illi ghalhekk l-ewwel talba attrici, in kwantu li qed taddebita tortijiet lilu ghandha tigi michuda u s-separazzjoni tigi ppronunzjata a bazi ta' tortijiet addebitati lill-attrici kif jirrizulta waqt il-kawza.

4. Illi t-tieni talba attrici hija ukoll infondata legalment u fattwalment u ghandha tigi michuda stante li martu hija kapaci ghax-xoghol u inoltre ghandha tikkomina fit-telf ta' kull dritt li jista' jkollha ghall-manteniment fic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

5. Illi t-tielet talba attrici ukoll ghandha tigi michuda stante li kontra l-esponent m'ghandhomx jigu applikati ebda sanzjonijiet jew dekadenza.

6. Illi hemm qbil li l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti jigu likwidati izda martu ghandha terfa’ s-sehem indiviz mid-dejn kollu u fil-formazzjoni tal-porzjonijiet wara li jithallsu id-dejn ghandhom jithallsu lill-esponent il-krediti parafernali tieghu li jirrizultaw kif ukoll nofs il-hlasijiet minnu maghmula fuq id-dejn tal-komunjoni minn data li fiha bdew il-proceduri ta’ medjazzjoni. Inoltre ghandha tigi stabbilita data li minn dik id-data ‘l quddiem titqies li tkun tilfet kull dritt ghall-akkwisti maghmula minnu.

7. Illi l-hames talba attrici ghandha tigi michuda stante li martu m’ghandha ebda beni parafernali.

8. Is-sitt talba attrici ghandha tigi michuda stante li m’hemm ebda raguni ghaliex l-attrici ghandha ikollha dritt fuq id-dar matrimonjali li hija proprjeta’ tal-konjugi ndaqs u ndivizament bejniethom.

9. Is-seba’ talba attrici ukoll ghandha tigi michuda bl-ispejjes kontra l-attrici ngunta minn issa in subizzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat is-sentenza datata 17 ta’ April, 2013 fejn laqghet it-talba li l-kawza odjerna tigi konvertita ghall-kawza ta’ divorzju ai termini tal-Artikolu 66 F tal-Ligijiet ta’ Malta.[1]

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku AIC Alan Saliba pprezentat fit-18 ta’ Mejju, 2015.[2]

---

[1] Fol.150 tal-process,
[2] Fol. 390 tal-process.

Rat is-sentenza in parte datata 15 ta' Novembru, 2017, li biha giet itterminata l-komunjoni tal-akkwisti.[3]

Rat ir-Rapport tal-Perit Tekniku A.I.C. Godwin P. Abela pprezentat fis-7 ta' Frar, 2018.[4]

Rat l-eskussjoni tal-Perit Tekniku A.I.C. Godwin Abela.[5]

**FATTI**

**RESPONSABBILITA'**

1. Il-partijiet izzewwgu fl-4 ta' Dicembru, 1980 wara aktar minn sentejn gherusija. L-attrici tghid li l-ghada tat-tieg il-konvenut inbidel. Ma kienx riedha tmur tara lill-genituri taghha u kienet tmur tarahom bil-mohbi u meta kien isir jaf kien jaghmel xenata jew iwaddbilha l-affarijiet. Lanqas ma kien ihalliha taghmel telefonata u lanqas ma kien ihalli lit-tfal imorru jaraw lin-nanniet taghhom. Fil-fatt tikkonferma li z-zmien tal-Milied kien zmien difficli ghalihom ghax il-konvenut ma kienx ihallihom imorru ghall-ikla tal-Milied ghand il-genituri taghha u minflok kienu joqoghdu d-dar u l-konvenut kien jorqod.

[3] Ara fol.1325 tal-process.

[4] Ara fol. 1238 tal-process.
[5] Ara fol.1255 – 1256 tal-process.

2. L-attrici ssemmi ukoll illi kien hemm okkazzjonijiet fejn ir-ragel taghha kien ikun aggressiv u jidhol id-dar fis-sakra, wara li kien jaqbad argument u jitlaq mid-dar.

3. Dwar ir-relazzjonijiet intimi bejniethom, l-attrici tispjega li l-konvenut kien jevitahom, hlief meta kienet qed tipprova tinqabad tqila. L-attrici tattribwixxi dan ghal fatt li l-konvenut kien ikollu relazzjonijiet ma' nisa ohra, generalment prostituti. Kien hemm incident fejn kienu spiccaw l-ghassa peress li ragel beda jsegwihom u meta hareg mill-vettura ried jahbat ghall-konvenut peress li dan kien konvint li l-konvenut kien qed jittanta lil martu.

4. L-attrici ssemmi li l-konvenut kien jahdem ta' argentier u mill-bidu kellu dan il-pjan, ghaliex anke wara t-tieg kien mohhu li jiftah hanut u kien ha l-fidda li kienu rcevew bhala rigali u kwazi bieghha kollha. Tghid li kienet tghinu billi ddur Malta u Ghawdex biex tbiegh il-fidda u d-dehebijiet li kien jahdem, izda l-konvenut qatt ma kien kuntent tbiegh kemm tbiegh. Izzid tghid ukoll li fil-hanut kienu jigu hafna prostituti biex jitolbu l-flus lill-konvenut u hu kien ighid li kien minhabba li kienu bieghulu d-deheb, izda l-attrici hija konvinta li dan kien minhabba li kienu qed jirrikattawh. Kien hemm certu G minn San Gwann u l-attrici ssemmi li din kienet tmur ta' spiss il-hanut biex titlob il-flus minghand il-konvenut u kienet thallilu messagg u terga' tmur. L-attrici tistqarr li l-konvenut kien ighid li qed ibiegh id-deheb, pero' ma kinitx tara l-flus u kien dejjem igerger li kien bla flus.

5. L-attrici tistqarr li xi tlieta u ghoxrin sena ilu kienet telqet mid-dar matrimonjali u marret tghix Dar Merhba Bik ghal seba' xhur u peress li t-tifla ma setghetx toqghod maghha spiccat li kellha thalliha fil-kunvent ta' Santa Monika mas-sorijiet, filwaqt li t-tifel baqa' d-dar ma' missieru. Sister

HI, li kienet tmexxi d-Dar Merhba Bik kienet ippruvat tikkonvinci lill-konvenut biex ighaddi lill-attrici Lm10 fil-gimgha sabiex tkun tista' thallas id-dar fejn kienet qed tghix, izda dan m'ghamlux.

Bint l-attrici tghid li ommha spiccat tahsel it-tarag tal-knisja sabiex taqla' xi flus biex setghet thallas Dar Merhba Bik. Minn hawn kienu bdew *counselling* u anke meta marret lura d-dar kienu komplew. It-tifla ghall-bidu ma riditx tmur lura d-dar, izda t-tifel kien jitlob lil ommu biex tmur lura d-dar u peress li ma riditx tibqa' fl-istitut kienet haditha maghha.

Komplew bil-*counselling* ghal xi ghaxar snin u minkejja li l-konvenut kien jammetti li kien xhih, li kien dominanti ghax ma kienx ihalli lill-attrici u lil uliedu jmorru ghand in-nanniet materni, u li ma kienx ifittex lill-attrici bhala martu, ma kien jaghmel xejn biex itejjeb is-sitwazzjoni. L-attrici tikkonferma li sal-lum hi kienet ghadha tmur *counselling* il-Millenium Chapel peress li l-wega' li kellha kienet kbira hafna.

6. L-attrici tistqarr li kellhom fond li jinstab il-Gzira u l-konvenut qatt ma kien ried itiha c-cavetta. Tghid li kienet insistiet mieghu sabiex ighaddilha kopja tac-cavetta, ghax kienet qed tissuspetta li kien qed ikun infidil lejha. Fit-13 ta' Dicembru, 2005 kienet marret biex tara dan il-fond u tghid li kien malandant, meta originarjament kien xtrah bl-intendiment li kien ser jikrih.. L-unika kamra li kien hemm li kienet fi stat tajjeb kienet il-kamra tas-sodda li kienet armata b'double bed bil-quilt b'kollox, bl-ghamara kompluta u mbaghad hemm kienet sabet kotba tan-nisa, tissues u wipes. Meta kkonfrontatu, tghid li l-konvenut kien qallha li kien imur jistrieh hemm wara nofsinhar, pero' hi tinnega dan peress li hu dejjem kien imur jistrieh id-dar.

L-attrici tghid ukoll illi l-konvenut kien kontinwament izid il-piz tad-dejn billi jixtri l-proprjetajiet. Kien ihallas id-depozitu minghajr ma jghidilha u mbaghad kien iheddidha jekk kienet tirrifjuta li tiffirma u ghalhekk dejjem kien ikollha ccedi. Ma setghetx tifhem x'kien jaghmel bil-flus ghaliex kien jbieghilha d-dehebijiet taghha bl-iskuza li ried ihallas id-dejn, izda l-bilanci mal-banek kif ukoll il-kontijiet tad-dawl u ilma qatt ma kienu jonqsu u ghalhekk tghid li ma tafx x'kien isir mill-flus.

7. Ghall-habta tas-sena 2007, aktar beda l-inkwiet. L-attrici kienet se taghmel hysterectomy, izda l-konvenut kien telaq barra mid-dar u ma tahx kasha, lanqas l-isptar ma kien mar jaraha. Tghid li ghall-habta ta' Mejju, 2007 kienet ratu jtella' prostituta minn Testaferrata Street, il-Gzira u kienet ikkonfrontatu, l-ewwel innega, mbaghad ma kien qal xejn.

Fit-2 ta' April, 2007, waqt il-medjazzjoni, il-konvenuta kien accetta li jitlaq mid-dar matrimonjali u jmur ighix fl-appartament tal-Gzira. Fl-4 ta' Dicembru, 2007 rega' rritorna lura d-dar u kien rega' beda jaghmel ix-xenati u kienet konvinta li kien qed jirrekordjaha.

In kontro-ezami, l-attrici tghid li kienet tahdem fil-hanut tad-deheb taghhom sas-sena 2006, ghax imbaghad il-konvenut kien ghalqu u armah bil-gelati. Tghid li minn dakinhar ma hadmitx aktar u ma setghetx peress li kellha problemi f'darha.

8. Fit-8 ta' Gunju, 2009, l-attrici tghid li kienet rat lill-konvenut hiereg minn post f'Tas-Sliema maghruf bhala burdell, fejn kien ikun hemm il-prostituti Russi. Tghid li qaghdet tistennih u kienet haditlu r-ritratti esebiti.[6]

[6] Ara Dok.MRM a fol.145 tal-process.

9. L-attrici tghid li kienet ta' spiss tmur l-Inghilterra ghand il-kugina JK, biex tehles mill-konvenut, mhux ghax kellha xi partner u lanqas ma kienet tircievi assistenza finanzjarja. J kellha r-ragel marid bil-kancer u ghalhekk kienet tghinha aktar. Tghid li sallum ghadha tmur erba' darbiet f' sena.

10. In kontro-ezami l-attrici tichad li raqdet ma' klijent taghhom, barrani li kien jixtri d-deheb minghandhom, kif qed jallega l-konvenut, kienet marret tiekol mieghu biss. Tistqarr li l-konvenut ried jakkuzaha li hi kienet pogguta mas-sid tal-Oki Koki Banis, li kien habib taghhom u binhom kien jahdem mieghu. Kienet marret xi darbtejn tghinu bil-kartolini u dan kien jaf bih il-konvenut. Tghid li wara s-separazzjoni qatt ma kelmithu izjed lil din il-persuna.

**11. <u>MANTENIMENT</u>**

1. L-attrici ghandha 50 sena u ma tahdimx u apparti minn hekk ghandha problemi b'darha. Kienet tghin lill-konvenut fil-hanut tad-deheb.

   Dwar il-konvenut tghid li ma tafx x'inhu l-introjtu tieghu, pero' tispjega illi hu qed jippercepixxi l-kirijiet kollha tal-proprjetatjiet komuni taghhom minghajr ma jtiha sold. Tghid li l-konvenut qed jiggestixxi bar bl-isem "Sliema Coffee Bar," izda ma kinitx taf x'inhu d-dhul tieghu. Tkompli tghid li recentement kien ukoll fetah confectionary go hanut li kien proprjeta' taghhom stess. Ma kinitx taf jekk kienx qed jiggestih hu stess jew kien krieh lil terzi.

Bhala manteniment tghid li skond digriet tat-22 ta' April, 2009, il-konvenut gie ordnat ihallasha s-somma ta' €820 fix-xahar u tghid li kien ghad fadallu jtiha s-somma ta' €2,054 rapprezentanti arretrati ta' manteniment.

Sal-5 ta' Marzu, 2015 tghid li l-arretrati ta' manteniment kienu jammontaw ghal €23,422.[7] Sal-11 ta' Frar, 2016 kien hemm arretrati ta' €26, 793 u tghid li kien ghad baqghalu jhallasha ta' parti mis-sena 2012 u 2013 sa 2016.

Minhabba li ghamlet hysterectomy, ghandha pressjoni gholja u darbtejn kienet se tispicca b' stroke u anke ghandha l-HRT u tiehu l-pilloli tad-depression huwa difficli ghall-attrici biex tahdem. Tghid li l-pilloli tal-HRT kienet ilha tehodhom mis-sena 2007 u l-kalmanti kienet bdiethom wara. L-attrici tkompli tghid li minhabba l-hypertension u minhabba li kien ser ikollha stroke spiccat darbtejn l-isptar.

Dwar id-depression, l-attrici tghid li kien ikollha ftit qabel is-separazzjoni u kienet tiehu d-Deanxit, imma meta saret taf dwar id-dejn kollu li kellhom id-depression kienet rikbitha. Tikkonferma li d-djun kienu mal-APS, Lombard Bank u l-BOV u meta bdew bis-separazzjoni kienu spiccaw b'xi nofs miljun dejn, ghax il-konvenut ma kienx qed ihallas u dan setghet tikkonfermah peress li kien ikkomunika maghha l-manager ta' St. Christopher Street.

Tghid li meta kienet tahdem fil-hanut tad-deheb, ir-ragel ma kienx ihallasha. Lanqas ma tircievi pensjoni tghid l-attrici. Kienet tahdem fil-

[7] Ara Dok.AD a fol.1089 tal-process.

hanut mid-9.30 am sal-5 pm. Tghid li l-konvenut kien ikun il-workshop jahdem id-deheb u l-fidda.

Illum tghix biss mill-manteniment li tircievi u minhabba f'hekk ma tistax tapplika ghall-beneficcji socjali. L-attrici tghid li tircievi biss xi beneficcji minhabba l-pilloli li tiehu. Illum issajjrilha bintha jew missierha.

## 12. KOMUNJONI TAL-AKKWISTI

1. L-attrici tghid li kienet taf li fiz-zwieg, il-konvenut kien waqqaf il-kumpanija Malson Limited, izda qatt ma kienet involuta personalment f'din il-kumpanija.

## A. VETTURI

L-attrici tikkonferma li l-konvenut ghandu d-delizju li jixtri u jikkollezzjona l-vetturi u dawn jinstabu elenkati fil-mandat ta' deskrizzjoni esebit, ghajr ghal zewg Volkswagen Beetle li huma tat-tifel. [8] Tikkonferma li dawn il-vetturi kienu kollha antiki u l-Mercedes kienu zarmawha sabiex ibieghu l-partijiet. Issemmi ukoll Peugeot u hemm xi claim fuqha ma' Attard Motors u jiehu hsiebha l-konvenut.

Bhala djun iehor l-attrici tikkonferma li hemm id-djun mal-Bank of Valletta plc, kont tad-dawl tal-fond f' Rudolph Street ta' meta l-konvenut uzah wara s-separazzjoni. Il-kont tal-ARMS kien jammonta ghal xi €12,000 jew €13,000 skond kont tas-sena 2010, ghax tghid li mbaghad kienu qatghulu d-dawl. Tghid li l-konvenut qatt ma rega' uza l-post, izda minflok kien kera hanut

[8] Ara Dok.MRM 8 a fol.160 tal-process.

iehor erba' bibien 'l isfel Sliema Coffee bar li qed juza'. Il-fond ta' Rudolph street kien jintuza bhala mini market mill-konvenut u kellu lavranta. Meta beda jigi uzat bhala internet café' tghid li kien ihaddmu certu wiehed Frans, Gharbi u kien dam xi sentejn bhala internet café'. Tghid li ma kinitx taf jekk kienx obbligat ihallas il-kontijiet tad-dawl u ilma.

## B. MAKKINARJU U DEHEB

Peress li kellhom hanut tad-deheb, l-attrici tghid li l-konvenut kien xtara diversi makkinarji li kienu jiswew cirka Lm100, 000, izda tul il-proceduri tas-separazzjoni kienu naqsu uhud minnhom u dan kif jirrizulta mill-mandat ta' deskrizzjoni, fejn gew elenkati biss parti mill-makkinarju.[9]

Dwar l-istock tad-dehebijiet u fided u djamanti li kellhom fil-hanut ta' St. George's Road, San Giljan, tghid ukoll li dawn ma tafx sar minnhom u hafna minn dan l-istock kellu jaghmel tajjeb ghad-dejn li kellhom mal-banek.

Bhala makkinarju l-attrici ssemmi diamond cut, pressers, forn mill-Germanja. Tghid li l-forn wahdu kien jiswa' madwar Lm10,000. Kellu xi sitt presses li kienu jiswew xi Lm4,000 il-wiehed. Dawn kollha nxtraw fiz-zwieg skond l-attrici. Hemm ukoll l-ghodda tal-idejn u dawn parti minnhom tghid li kienet bieghhom il-konvenut. Ir-roller machine li kien xtara l-konvenut tghid li kien jiswa' Lm20,000. Fiz-zwieg kien xtara ukoll magna biex tahsel ic-crieket u rambling machine li kienet tiswa' cirka Lm4,000. Kien hemm ukoll hand pierce. Kellu ukoll solder, buffer u wax machine wahda kien xtraha qabel iz-zwieg u l-ohra wara. Kellu ukoll vacuum biex tigbed l-arja.

[9] Ara Dok.MRM 8 a fol.160 tal-process.

L-attrici tistqarr li l-hanut tad-deheb inghalaq fl-ahhar tas-sena 2006 u tghid li nizlet il-hanut u sabet lill-konvenut izarma u d-deheb li kien hemm qatt ma regghet ratu u l-fided kien bieghhom. Dwar id-dehebijiet li kien hemm ghand is-soru meta kienet Dar Merhba Bik, tikkonferma li dan kien inghata lura lill-konvenut, minkejja li jinsisti li hu qatt ma hadhom u kien iffirma ghalihom.

## C. DAR MATRIMONJALI

1. Fiz-zwieg kienu xtraw il-fond bl-isem "Navillus," Flat 4, Triq Lapsi, San Giljan fi stat ta' shell form, flimkien mal-garaxx sottostanti l-istess fond. [10] Recentement, l-attrici tghid li binha kien qed ighix fid-dar matrimonjali, flimkien mal-partner tieghu u t-tifel taghhom u hu kien jiehu hsieb il-kontijiet tad-dawl u ilma. Hi tghid li qed torqod ghand missierha. It-tifel taghhom ma jhallasx kera.

   L-attrici tikkonferma li kienet xtrat xi ghamara qabel iz-zwieg u li din kienet ghadha tinstab gewwa d-dar matrimonjali. Hi elenkat dawn il-mobbli.[11]

   Semmiet ukoll is-segwenti bhala formanti l-komunjoni tal-akkwisti:-

i) lista ta' proprjetatijiet illi gew mixtrija waqt iz-zwieg Dok A;
ii) lista ta' proprjetatjiet illi l-konvenut jikri lil terzi Dok B;
iii) mandat ta' deskrizzjoni li jelenka l-mobbli kollha li jinsabu fil-pussess tal-konvenut.[12]

[10] Ara Dok.MRM 1 u MRM 2 a fol. 146-152 tal-process.
[11] Ara fol.138 u 139 tal-process.
[12] Ara Dok.MRM 8 a fol. 160 tal-process.

iv) Kontijiet pendenti mal-Bank of Valletta plc, APS Bank Malta Ltd, Lombard Bank plc., mal-Enemalta plc., Water Services u Go plc.

Dwar il-fond Café' Spinola Bar, No.24, Triq San Gorg, San Giljan, tghid li hemm kuntratt ta' kiri bejn il-konvenut u LM.[13] Tghid li dan il-fond kien mikri ghandhom tul iz-zwieg, izda ghall-habta ta' Settembru, 2009 indunat li l-hanut kien qed jittranga u kien jidher M, u mhux il-konvenut ghax kienet tmur tara. Tikkonferma li dan il-post kien jinkera minghajr il-kunsens taghha u l-istess kien jigri b' Manchester Store, Rudolph Street, Sliema. Tghid li kienet marret ghand in-Nutar Smith La Rosa biex tara fuq il-kuntratt u kien qallha li sa fejn kien jaf kienet suppost Mount Carmel. Meta xehdet in kontro-ezami fl-2016, l-attrici tghid li l-café' Spinola Bar fi triq San Gorg, San Giljan, kien inbiegh lil NO,  Kienu mbaghad mir-rikavat hallsu lill-bank u l-bilanc li kien fadal qasmuh bejniethom.

Qabel dan l-attrici tistqarr li l-konvenut kien izomm il-kera biex ihallas id-djun kien ighidilha, izda ma kienx minnu ghaliex il-loans kienu jibqghu bl-istess bilanc. Miz-zmien li ghamlet l-affidavit taghha, tghid li saret taf li l-konvenut kera Sliema Coffee Bar, gewwa Manwel Dimech Str, Sliema u dan qed juzah bhala confectionery u peress li kellhom il-Manchester Store kantuniera 'l boghod, seta' uza lilu. Dan apparti li kellu pendenti l-hlas ta' manteniment li fuqhom kellu arretrati fl-ammont ta' €3,444.[14] Il-konvenut, skond l-attrici ghandu ukoll hanut il-Gzira li jhallas ghalih.

Dwar il-garaxx fi Triq San Mikiel, l-attrici tghid li ghamel zmien mikri lil certu Papagiorcopolo u l-kera kien jehodha l-konvenut. Zgur li l-kirja baqqghet ghaddejja anke wara s-sena 2007 u dejjem kienet kirja ta' garaxx,

---

[13] Ara Dok.RMY 1 a fol. 800 tal-process.
[14] Dan ikkalkulat sas-seduta tat-18 ta' Novembru, 2009 a fol. 810 tal-process.

izda tghid li llum il-garaxx qed jintuza mill-konvenut u binhom ghall-karozzi tat-tifel. Tghid li t-tifel huwa car dealer u jinnegozja minn dan il-garaxx.

In kontro-ezami, l-attrici kkonfermat ukoll li Panard Garaxx u 11, Rudolph Street kien se jehodhom il-bank biex jissoddisfaw id-djun u dwar il-garaxx Silverhole, tghid li dan kien inbiegh ghall-habta tas-sena 2015, 2016 u kienu hallsu l-bank mir-rikavat.

Dwar il-maisonette 189, Triq Saint Albert, Gzira, tghid li dan joqghod fih il-konvenut.

Fuq Leli's Bar, triq Belvedere, Gzira, tghid li l-konvenut kien fethu ghal ftit u kien iservi lin-nies, izda wara ftit ghalqu. Tikkonferma ukoll li kien hemm inkwilini qabel P u QR u dawn kienu tawhom ic-cwievet wara li kienu ghamlu kawza. Dan gara ghall-habta tas-sena 2015.
Tghid li tul din il-kirja, kien izomm il-kera l-konvenut.

Dwar il-proprjeta' 138A, The Strand, Gzira, tghid li dan il-fond kienu jikruh u kienu juzawh bhala hanut bid-deheb, fidda u arloggi. Imbaghad is-sid kellu bzonnu u kien tahom rigal ta' €20,000 li qasmu bejniethom.

Dwar il-garaxx ta' Coleridge Street, Gzira, l-attrici tghid li dan kien inbiegh lil certu Stivala u bil-flus kienu hallsu l-Lombard Bank u d-dejn fuq il-kontijiet tad-dawl fejn kien hemm cirka €25,000, kienu hallsu ukoll l-APS Bank u l-bilanc ta' €20,000 kienu qassmuhom bejniethom.

Fuq il-fondi 121 u 126 Triq Manwel Dimech, Sliema tghid li dawn huma l-bars li jikri l-konvenut, pero' ma kinitx taf kemm jaqla' minnhom, kif

ukoll kellu l-lavranti mieghu u setghet tikkonferma dan kollu peress li kienet dahlet hi stess u xtrat flixkun ilma.

Bhala assi llum tikkonferma li ghad hemm id-dar matrimonjali fejn qed ighix it-tifel taghhom, "Navillus." Fil-fond "St. Albert," ighix il-konvenut u mbaghad hemm il-garaxx ta' San Giljan, li jintuza' mill-konvenut u binhom.

Dwar il-loans, l-attrici in kontro-ezami tikkonferma li dawn ittiehdu sabiex il-konvenut ikun jista' jaghmel tajjeb ghall-proprjetatjiet li kien jixtri. Peress li kien xtara qabel l-1993, hafna mill-kuntratti kien jidher ghalih wahdu. Imbaghad, post 1993 kienu xtraw il-hanut St.George' s Rd, St.Julians, li mbaghad nbiegh u kienu qassmu r-rikavat.

Tghid ukoll li kien ha xi loan jew overdraft minhabba x-xoghol tieghu u dan inkluz mad-dejn li huwa dovut lil Bank of Valletta.

**D. <u>TIEG</u>**

1. L-attrici tghid li l-genituri taghha kienu hallsu l-ispejjes kollha tat-tieg[15] u hafna mir-rigali li kienu qalghu, kien hadhom l-konvenut biex jiftah il-hanut tal-argenterija u mbaghad meta ghalaq il-hanut kien qassamhom ma' hutu.

13. ST, missier l-attrici jikkonferma li waqt l-gherusija, il-konvenut kien iqatta' hafna hin maghhom, izda malli zzewwgu kollox inbidel, ghaliex qata' kull kuntatt maghhom u lanqas ma kien ihalli lill-attrici zzurhom. Il-konvenut lanqas kien ihalli lill-attrici tattendi xi okkazzjoni tal-familja. Jikkonferma

[15] Ara DOk. MRM 9 -MRM 10 a fol. 177-179 tal-process.

ukoll li l-attrici kienet ghamlet zmien "Dar Merhba Bik" u peress li kienu konxji tal-problemi li kien hemm bejn l-attrici u l-konvenut, kienu ighinuha finanzjarjament, ghax kienu ndunaw li kien ihalliha nieqsa mill-flus.

Missier l-attrici jkompli jispjega li l-konvenut kompla jipprova jaqla' l-inkwiet fil-familja tieghu ghax kien ivvinta storja fuq il-mara ta' hu l-attrici, meta ma kienx minnu. Ighid li dakinhar il-konvenut tant kien irrabbjat li kien anke pprova jhebb u hedded l-omm l-attrici. Dakinhar sar jaf li kienet marret izzur il-genituri taghha. ST, jghid ukoll li kienu ndunaw li l-konvenut u l-familja tieghu ma kienux jirrispondu t-telephone, jew inkella kienu jaghmlu ta' bir-ruhhom li kellu "wrong number."

Missier l-attrici jsemmi ukoll li fil-hamsin anniversarju tat-tieg taghhom l-attrici kienet marret ghall-funzjoni li kienu organizzaw bil-girja, minkejja li xtaqet tkun hemm peress li kien hemm familjari mill-Awstralja u l-Inghilterra. Ighid li l-aktar li kienu marru ghand l-attrici kien forsi xi darbtejn mhux aktar minn hekk.

Ighid ukoll illi gieli kien jiltaqa' mal-attrici fit-triq u dejjem kienet tghidlu li kienet mghaggla peress li kienet qed tbiegh id-deheb u kien biss meta sar jaf il-gravita' tas-sitwazzjoni li kien jifhem ghaliex in-nies kienu jghidulu li l-konvenut ma kienx jixraq lil binthom.

Dwar it-tieg jikkonferma li kienu hallsu l-ispejjes kollha huma u li kien hemm xi dehebijiet li kien ha minghand l-attrici li fosthom kien hemm xi "bangles" li kienu jappartjenu liz-zitu li kienet mietet, biex idewibhom.

Jistqarr ukoll illi qabel iz-zwieg u sa sena wara z-zwieg kien ghen lill-konvenut bid-dawl u ilma fil-hwienet li kellhom, izda mbaghad kien waqaf ir-

relazzjonijiet bejniethom, hlief wara tlett xhur, meta kien avvicinah sabiex jaghmlu negozju bejniethom ghax riedu jbieghlu l-garaxxijiet. Minkejja li kienu ftehmu fuq prezz u kienu hejjew kuntratt, il-konvenut baqa' ma hallasx. Kien addiritura kecca lir-ragel ta' oht l-attrici mill-garaxx fejn kien jipparkja l-vettura tieghu u minn dakinhar l-inkwiet zdied.

14.FC, bint il-partijiet, filwaqt li tikkonferma li missierha kien ihalli lill-attrici nieqsa mill-flus, tirrakkonta ukoll li sal-lum ghadha jkollha "nightmares" minhabba t-tfulija ttormentata li kellha.

Tistqarr li minhabba li missierha l-konvenut ma riedx ihallas ghall-O' Levels taghha, l-attrici kienet tahsel il-hwejjeg tal-gara jisimha U jew tahslilha l-flat taghha jew issewwi l-purtieri sabiex setghet igemma' l-flus biex thalsilha ghall-ezamijiet. Tghid ukoll li lanqas kien ihallas ghad-donazzjoni tal-iskola li kienet tattendi u kienu sahansitra ighajjruha shabha minhabba f'hekk.

Tikkonferma li kien ikun hemm hafna xenati d-dar partikolarment minghand il-konvenut, li kien dejjem jitlaq 'l barra u jigi lura b'riha ta' xorb. Kien iffissat li l-attrici kienet qed tehodlu l-flus, izda tghid li dan ma kienx minnu ghax ommha kienet tkun maghha u kien missierha li kien jonfoq il-flus. Tghid ukoll li l-attrici kienet tibza' mill-konvenut u ghalhekk kienet icedilu. Ikkonfermat ukoll li ma kinux imorru ghand in-nanniet materni ghax il-konvenut ma kienx ihallihom u jekk kienu jmorru jew jaghmlu kuntatt maghhom, kienet tehel l-attrici.

Ta' erbatax-il sena, bint il-partijiet kienet spiccat fl-istitut ta' Saint Monika waqt li l-attrici kienet marret f'Dar Merhba Bik peress li ma felhitx aktar tghix id-dar. Tul dan il-perjodu tistqarr li ommha kienet timxiha minn Hal Balzan sa Fleur-De-Lys biex taraha ghax ma kienx ikollha flus biex taqbad tal-linja,

filwaqt li l-konvenut lanqas kien imur jaraha. Tghid li ddispjaciha hafna ukoll, meta filwaqt li l-attrici kienet tahsel l-art tal-Knisja waqt li kienet Dar Merhba Bik biex twarrab ftit flus biex tixtri rigal ghall-Milied ghaliha u ghal huha u sabiex thallas lis-sorijiet talli kienet qed tghix maghhom. Il-konvenut minn naha tieghu kien xtara BMX ghal huha u xejn ghaliha u kien iddispjaciha.

L-attrici kienet marret lura ghax il-konvenut kien wieghed lil Sister HI, li kien ser jinbidel u kien se jghaddi Lm50 fil-gimgha manteniment lill-attrici, izda ma kienx inbidel u kien jaghtiha biss Lm2 kuljum ghall-ikel. Biex taqla' l-flus l-attrici kienet bdiet igib l-istudenti, partikolarment biex setghet taghmel xogholijiet ta' manutenzjoni fid-dar. Kienet tmur tghin il-konvenut fil-hanut il-gurnata kollha u lanqas kien ihallasha.

Bint il-partijiet tispjega kif meta bdiet tahdem bhala segretarja mal-kumpanija MB Enterprises, Testaferrata Street. Msida, kienet tara lill-konvenut ta' spiss idur fl-inhawi meta ma kinitx triqtu, pero' mbaghad skopriet illi l-konvenut kien jehodilha l-karozza taghha u kien ifittex in-nisa f'din it-triq. Meta rrifjutat li taghtih il-karozza taghha sabet hsara fil-karozza u darba minnhom kellha sahansitra tbiddel il-karozza peress li kienet sabet illi kien hemm tahziza fuq is-saqaf tal-partijiet genitali tal-irgiel u ma setghet tnehhih b'xejn. Il-prostituti kienu qalulha li kienu hasbu li l-vettura kienet tappartjeni lil D, tad-deheb, ghax hekk kien maghruf maghhom, izda hi qatt ma kkonfermat maghhom li kienet bintu.

Peress li kienet l-uniku wahda li kienet tahdem, tghid li l-konvenut kien jitlobha l-flus biex jixtri l-kafe' u pastizz, izda peress li ma kienx jaghtihomlha lura kienet waqfet. Pero' l-attrici kienet hadet ir-ruh meta bdiet tahdem ghaliex bhala bintha kienet tghinha finanzjarment biex tixtrilha hwejjeg godda, ic-

check-ups tat-tobba u tohrogha ftit bhan-nies u minn dawn il-flus riedet tfaddal ukoll.

Isemmi incident fejn kienet diga' saret omm u waqt li kienet id-dar tal-genituri taghha bit-tarbiija li kien qieghdha mal-art, l-attrici kienet talbet lill-konvenut inehhi z-zarbun u ghamel xenata u beda jwaddab l-istatwi. Meta weldet it-tarbija lanqas kien mar jarahom u lanqas wara gimgha meta t-tifel kellu jigi operat. Dak iz-zmien marru jghixu ghand ommha, flimkien mal-partner taghha u meta sar jaf b'dan il-konvenut, ghamel minn kollox sabiex ikeccihom mid-dar taghhom.

Isemmi ukoll meta kien bieghhilha c-curkett tal-gherusija ghall-prezz ta' Lm800 meta kellu valur ta' Lm1800, wara li kienet hasret u dan wara li qalilha li kellu bzonn tal-flus malajr. Sal-lum tghid li qatt ma hallasha lura. L-istess ghad kellu dejn maghha ta' Lm300 u flus kellu ghax kien wiret xi Lm28,000 minghand missieru u kellu l-kiriijiet li kien jircievi mill-proprjetajiet taghhom.

Incident li bint l-partijiet tghid halla mpatt fuqha huwa meta l-konvenut kien mar jittallab il-flus minghand l-imghallem taghha biex ihallas multa u minn dakinhar shabha bdew jidhku biha u jghajjruha li missierha bla flus u li kien imur mal-prostituti peress li kienu jarawh fl-inhawi. Minhabba dan l-agir tal-konvenut kellha titlaq minn dan ix-xoghol, fejn kellha paga tajba.

15. JK, kugina tal-attrici tikkonferma li kienet tas-sapport kbir ghaliha u ghall-familja taghha, ghaliex kienu jhallsu lill-attrici sabiex titla' l-Inghilterra fejn ighixu biex tghinha peress li zewgha kien marid b'kancer fil-pulmun. Peress li kienet tistudja u tahdem, l-attrici kienet tghinha bir-ragel.

16. Dr. VWX, tabib kuranti tal-attrici jikkonferma li ghandha problema rikorrenti f'darha u jghid li ilu jafha ghal hafna snin. Mis-sena 1996, kien raha xi hdax-il darba. L-ugigh li jkollha f'daharha u ghonqha gieli wasslu biex tigi rikoverata l-isptar ghax tkun kompletament "disabled" u "bedridden." L-ugigh jista' jdum granet jew gimghat sakemm ibatti ghal kollox. Ighid li qatt ma kienet ghamlet MRI. Tikkura ruhha jew b'pilloli anti-inflammatorji jew injezzjonijiet.

Ighid ukoll li l-attrici kienet qaltlu li kellha problemi fiz-zwieg u li kellha hafna tensjoni. Dwar jekk l-attrici setghetx tahdem, skond ix-xhud jiddependi fuq it-tip ta' xoghol, ghax xoghol ta' waqfien ma kienx tajjeb ghaliha.

17. David Borg, bhala konslu tal-Monte' di Pieta' esebixxa lista ta' poloz f'isem il-partijiet li jindikaw liema dehebijiet gew depozitati mal-Monte' di Pieta' u pprezenta ukoll il-biljett relattiv ta' meta ngibdu u min gibidhom. Ighid li kien hemm 47 polza differenti[16]. Hemm uhud minn dawn id-dehebijiet li ma gewx irtirati.[17]

18. YZ, gara tal-partijiet, tikkonferma li l-hajja tal-attrici ma kinitx facli ghax tghid li peress li kienu joqoghdu fl-istess pjan fl-istess blokk ta' appartamenti, kemm il-darba kienet tismaghhom jiggieldu u kienet anke tisma' t-tisbit. Tiftakar meta l-attrici kienet imdejjqa hafna peress li l-konvenut ma kienx ihalliha tmur ghand il-genituri taghha u darba minnhom kien hemm okkazzjoni fejn il-genituri taghha kienu qed jiccelebraw l-anniversarju taghhom u ma halliehx tmur. Kienet semghethom jiggieldu u mbaghad kienet marret tibki ghandha. L-istess fil-Milied kienet spiccat

[16] Ara Dok. DB 1 sa DB 42 a fol. 334 tal-process.
[17] Dok. DB 14 – DB 21 a fol. 334 tal-process.

wahedha u kienet marret ghandhom. Ikkonfermat li l-konvenut kien ighaddi ftit flus lill-attrici, kienet tahsel il-hwejjeg tan-nies u jista' jaghti kaz li kien hemm klijenti li kienu rgiel u anke taghmel il-purtieri ghal xi girien biex taqla' lira. Ikkonfermat ukoll li l-attrici kienet tahdem fil-hanut tal-konvenut u kienet hi li hadet lill-attrici l-isptar meta ghamlet hysterectomy, ghax il-konvenut irrifjuta li jehodha u wara biex tirkupra kienet marret ghand ohtha u ma kinitx taf jekk dan kien minhabba li ma kienx hemm lift fil-blokka, imma skond l-attrici ma kellhiex min jiehu hsiebha, ghax anke binthom kienet l-isptar tqila b'xi kumplikazzjoni. Tghid ukoll li kienu jhalluha ccempel minghandhom peress li t-telephone kien maqtugh peress li l-kontijiet ma kinux thallsu.

Ix-xhud tistqarr ukoll li l-attrici kienet qaltliha li kellha suspetti li l-konvenut kien qed imur ma' nisa ohra u li kien irranga flat li kellhom il-Gzira, biex jilqa' n-nisa hemmhekk. Madanakollu, tghid li ma kinitx rat dan l-appartament.

Tghid li qatt ma tkellmet mal-konvenut fuq iz-zwieg tieghu mal-attrici, pero' kellhom esperjenza fejn xtraw karozza minghandhu u ma kinux jafdawh peress kien wieghdhom li se jirranga l-windscreen u d-dashboard u dan qatt m'ghamlu, filwaqt li l-attrici tehodilhom hsieb l-appartament u kulhadd kien jitkellem tajjeb fuqha. Tghid ukoll li gieli semghetu jilmenta fuq ir-relazzjoni tieghu mal-familja tal-attrici.

19. Sister HI, kienet tahdem f'Dar Merhba Bik u tispjega li l-attrici kienet marret hemm f'Lulju, 1995. Kienu nfurmaw lill-konvenut u kien ammetta li kien ghajjur, li ma kienx ihalliha tmur ghand il-familja taghha u ma kienx jimpurtah jekk jiddejjen. Kellha ddelegat is-social worker Dr. William Azzopardi u kienu ltaqghu flimkien. Sister I, tghid li kienet issugeritilha li

ma kellhiex tibqa’ tahdem fil-hanut tad-deheb mar-ragel u meta telqet minn Dar Merhba Bik, kienu ftehmu li l-attrici kellha tibda hajja gdida.

Wara li telqet l-attrici, tghid li ma tantx setghet tikkomunika maghha peress li l-partijiet ma kellhomx linja d-dar, izda meta kienu jiltaqghu kienet tghidilha li kollox kien baqa’ l-istess.

Peress li biex toqghod maghhom, kellha thallas, l-attrici kienet tahdmilhom. Waqt il-counselling, l-attrici uriet ix-xewqa li terga’ tmur lura d-dar biex tinghaqad ma’ uliedha u tikkonferma li bint il-partijiet fl-istess zmien kienet fl-istitut ta’ Santa Monika.

Ix-xhud tghid li l-konvenut kien ammetta maghha li ma kienx qed ighaddi flus lill-attrici ghax kien imdejjen. Tghid ukoll li l-attrici kienet qaltilha li qed tissuspetta li zewgha kien qed imur ma’ nisa ohra u meta ghamlet operazzjoni kienet wahedha. Filwaqt dwar il-konvenut tghid li kien iwahhal fil-genituri tal-attrici u li dawn kienu jsahhnuha u tistqarr li ma setghetx tifhem kif, peress li qatt ma kienet tarahom.

Ix-xhud issemmi ukoll illi fil-presenza taghha, l-attrici kienet ghaddiet lill-konvenut pakketti tad-deheb b’ valur globali ta’ Lm40,000, ghax ma ridux ir-responsabbilita’ taghhom. Tghid li ma kinitx ghamlet inventarju ta’ dawn id-dehebijiet, izda baqghu ssiggillati fil-boroz, kif kienet gabithom maghha l-attrici.

Fl-ahhar ix-xhud ikkonfermat illi l-attrici kienet damet seba’ xhur f’Dar Merhba Bik u kienet attribwit il-problema aktar ghall-abbuz mentali.

20. Jeanette Lepre in rapprezentanza tal-Lombard Bank Malta plc. ikkonfermat s-segwenti kontijiet li huma kollha loan accounts u li thallsu, hlief ghall-kont nru. 01172400096 fejn sas-27 ta' Marzu, 2009 kien hemm debitu ta' €2,171.50.[18]

21. David Galea in rapprezentanza ta' APS Bank Limited ikkonferma li kien hemm zewg garanziji bankarji li l-bank hareg f'isem il-konvenut fejn kien qed jagixxi bhala garanti lil terz. Il-flus li a bazi taghhom kien hareg il-garanziji kienu ta' terzi. Wahda mill-garanziji giet ikkancellata, filwaqt li l-ohra kienet ghadha effettiva. [19] Ighid li dawn il-garanziji kienu hargu fuq il-MEPA fuq isem il-konvenut u ma kienx jaf jekk l-attrici kienitx taf bihom.

Fuq is-socjeta' Malson Ltd. jikkonferma s-segwenti kontijiet:-

1. Kont kurrenti nru. 1237553101-5, liema kont inghalaq fl-24 ta' Novembru, 2005 b'debitu li gie trasferit f'overdraft.[20]
2. Savings account numru 2000060866 – 4 liema kont inghalaq fit-2 ta' Lulju, 2008 bi kreditu ta' €2,300 u gie trasferit f'kont iehor.[21] Kien hemm garanzija fuq dan il-kont ukoll, izda mbaghad il-garanzija spiccat.
3. Kont fiss numru 2000047894-6 li nfetah fis-17 ta' Ottubru, 2006 liema kont ghadu miftuh u hemm iddepositat is-somma ta' €2,480. [22] Dan il-kont kien gie "blocked" peress li kien qed jagixxi bhala garanzija personali favur il-MEPA. Kienet imgedda ghal sena, izda ma kienx jaf jekk kienitx ghadha attiva. Ighid li dina l-garanzijia nghatat mill-konvenut biss.

---

[18] Ara fol. 434/435 u Dok.JL 3 a fol.442 tal-process.
[19] Ara Dok.DG1-DG2 a fol. 438-441 u a fol.721-722 tal-process.
[20] Ara Dok. DGY 1 a fol. 776 tal-process.
[21] Ara Dok.DGY 2 a fol. 774 tal-process.
[22] Ara Dok.DGY 3 a fol.772 tal-process.

4. Kont kurrenti 2000046489-7 liema kont inghalaq fit-2 ta' Lulju, 2008 b'bilanc ta' €99.[23]
5. Kont kurrenti miftuh mill-bank "interest disposal" u dan wara li d-debitur ma jhallasx id-debitu. Il-kont igib in-numru 2000065541-5 u nfetah fit-23 ta' Settembru, 2008 u hemm debitu ta' €615.29. [24]
6. Kont kurrenti "interest disposal" numru 2000065542-6 li nfetah fit-23 ta' Frar, 2008 u nghalaq fit-2 ta' Lulju, 2008.[25]
7. Overdraft account for regularisation li nfetah minflok il-kont 1237553101-5 (Dok.DGY 1) u ghadu attiv u hemm debitu ta' €26,230.11.[26]
8. Kont kurrenti bin-numru 1237553201 – 1 illum maghluq fl-1 ta' Frar, 2002.[27]
9. Loan account number 1237553 202-2 li naghlaq fit-28 ta' Gunju, 2005.[28]

Ighid ukoll li dwar l-ittra ufficjali li ntbaghtet lill-partijiet din kienet tirreferi ghal haga ohra u cioe' facilita' ta' overdraft. Kien sehh kuntratt fil-11 ta' Frar, 1999 iffirmat min u moghti lil Malson Limited, izda fuq l-istess overdraft il-partijiet kienu garanti personali fuq l-istess kuntratt. [29] Kien hemm ukoll il-kuntratt li permezz tieghu l-partijiet accettaw li jkunu garanti ghal Malson u ghalhekk accettaw l-iskrizzjoni ta' ipoteka skond l-istess ftehim.[30]

[23] Ara Dok. DGY 4 a fol 757 tal-process.

[24] Ara Dok. DGY 5 a fol. 756 tal-process.
[2525] Ara Dok. DGY 6 a fol.755 tal-process.
[26] Ara DOk. DGY 7 a fol. 749 tal-process.
[27] Ara Dok. DGY a fol. 746 tal-process.
[28] Ara Dok. DGY a fol. 743 tal-process.
[29] Ara Dok.DGY 1 a fol. 793 tal-process.
[3030] Ara DOk. DGY 2 a fol. 774 tal-process.

22. Joe Borg Cardona, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. ikkonferma li kien hemm diversi loan accounts f'isem il-partijiet li huma s-segwenti:-

i) Overdraft account kongunt bin-numru 11807963012 fejn hemm debitu ta' €49,840.28.[31] Dan il-kont kien gie bblukkjat mill-bank u ma setghux isiru withdrawals.
ii) loan account kongunt bin-numru 31807963018 b'debitu ta' €13,884.75[32]
iii) Loan account kongunt bin-numru 31807963021, b'debitu ta' €110,828.30. [33] L-ahhar pagament fuq dan il-kont sar fis-sena 2008.

Ighid ukoll li kien hemm diversi savings accounts li kienu maghluqin, ghajr ghall-kont wiehed f'isem il-konvenut bin-numru 400109275528 b'bilanc ta' €6.17.[34] L-ahhar pagament kien sar fit-22 ta' Settembru, 2000.

iv) Loan account kongunt bin-numru 31807963034 b'debitu ta' €145,639.88 [35]
v) Loan account kongunt bin-numru 31807963047 b'debitu ta' €74,335.60[36] L-ahhar pagament sar fit-18 ta' Frar, 2000.
vi) Loan account kongunt bin-numru 40011354844 b'debitu ta' €28,382.71[37] L-ahhar pagament sar fis-16 ta' Mejju, 2005.

Ray Aquilina, rapprezentant tal-Bank of Valletta plc. ighid li kien isegwi l-partijiet mir-Recoveries Department, izda jghid li l-laqghat kienu jsiru mal-

---

[31] Ara Dok.JBC 2 a fol.494 tal-process.
[32] Ara Dok. JBC 4 a fol. 568 tal-process.
[33] Ara Dok. JBC 5 a fol.579 tal-process.
[34] Ara fol.436 tal-process.
[35] Ara Dok.JBC 6 a fol. 591 tal-process.
[36] Ara Dok. JBC 7 a fol. 610 tal-process.
[37] Ara Dok.JBC 9a fol. 621 tal-process.

konvenut u ma kienx jaf jekk l-attrici kienitx taf. Pero' bhala bank jikkonferma li kienu jiktbu lill-partijiet konguntivament u jibghatu l-posta d-dar.[38]

Ighid li darba l-attrici kienet ikkomunikat mieghu sabiex tissellef il-flus peress li l-konvenut kien wehel multa u kien qed jirriskja li jehel il-habs.[39] Ghalhekk kien gholla il-limit fuq l-overdraft u gibed il-flus minn hemm. Il-pagamenti pero' jghid li saru fis-sena 2002. Ix-xhud ipprezenta s-security assets li rrikjeda l-bank bhala garanzija.[40] Ighid li bhala bank kienu taw lill-konvenut l-opportunita' biex irendi likwidi l-oggetti prezjuzi mizmuma mill-bank, izda dan qatt m'ghamlu. Dwar l-blokk tal-accounts ighid li l-overdraft kien "overdrawn" u ghalhekk ma setghux jithallsu. Il-pagamenti waqfu qabel Novembru 2008. Kien sar mandat ta' sekwestru [41] u l-attrici kienet ikkomunikat mieghu wara li rceviet ittra ufficjali ghall-hlas datat Frar 2009, talbitu xi statements u biex ikellem lill-konvenut. Jikkonferma li kien ha l-impressjoni li l-attrici ma kinitx taf x'kien qed jigri mal-bank, minkejja li kienet iffirmat mal-bank.

25.Stephen Cachia, rapprezentant tal-ADT ghamel ricerka fuq il-partijiet u rrizulta li kien hemm is-segwenti vetturi rregistrati f'isem il-konvenut:-

i) Berguard Isabella – JAH 753;
ii) Volkswagen 1500 – KAH 064;
iii) Opel Corsa – GAB 123;
iv) Volkswagen Beetle – GAN 368;
v) Volkswagen 1300 – GAE 772;
vi) Volkswagen Golf – G 5503

[38] Ara Dok. RA 2 – RA 23 tal-process.
[39] Ara DOk. RA 4 tal-process.
[40] Ara Dok. RA 24 tal-process.
[41] Ara Dok.RA 25.

vii) Peugeot 306 – AAO – 607;

viii) Alfa Romeo 33 – IAT 928.[42]

26 123, oht il-konvenut tghid li minn mindu miet missierha, il-konvenut ma jkellimx lanqas lilha u lanqas lil ommu. Tikkkonferma li kien hemm xi kwistjonijiet minhabba l-wirt ta’ missierha, izda din kienet giet rizolta bejniethom. Tistqarr li kienet taf li ommha kienet dahlet lill-konvenut il-Qorti fuq kwistjonijiet ta’ ghodda tas-sengha tal-argentarja, pero’ ma setghetx tikkonferma jekk kienx hemm kawzi ohra. Tichad li kitbet l-ittra datata 6 ta’ Ottubru, 1990.[43]

27. Susan Deguara, in rapprezentanza tal-MFSA, ikkonfermat li s-socjeta’ Malson Limited C- 23066 giet inkorporata fis-17 ta’ Gunju, 1998 u d-direttur taghha huwa DC u l-azzjonist wahdieni huwa l-konvenut b’5,000 sehem. L-ahhar accounts tghid li gew pprezentati fis-sena 2002 u jirreferu ghas-sena 2000. L-ahhar annual return li ghandhom hija dik tas-sena 2002. Ikkonfermat ukoll li ma kienx hemm talba ufficjali ghax-xoljiment tal-kumpanija.[44]

28. 456, li kien accountant tal-konvenut ighid li Malson Ltd. twaqqfghet f’Gunju/Lulju, 1998 u l-accounts li pprezenta kienu ghas-snin li ghalqu f’Gunju, 1999 u Gunju, 2000. Dawn l-accounts juru li s-socjeta’ kienet wahda “dormant” u “non-trading.” Ighid li l-intendiment ta’ din is-socjeta’ kienet sabiex l-konvenut seta’ jkompli n-negozju tieghu ta’ argentier, izda kien jaf li f’xi zmien kien waqaf jahdem hekk u fetah cafeteria u kien semmielu li ried jiftah supermarket, pero’ ma kienx jaf jekk kienx ghamel hekk jew le. Ikkonferma ukoll li s-socjeta’ kellha kontijiet mal-APS u ighid li f’Gunju,

[42] Ara Dok. Sc1 – SC8 a fol.700- 720 tal-process.
[43] Ara Dok. MMY1 a fol.742 tal-process.
[44] Ara Dok.SD1 a fol.815 tal-process.

2000 l-kumpanija kellha djun ta' Lm17,781. Ighid li wara l-konvenut kien in kuntatt mieghu sporadikament skond in-necessita' u kellu d-dubbji tieghu kemm il-konvenut ipprezenta t-tax returns tieghu personali. Dwar l-attrici jghid li qatt ma kien kellimha u ma kienx jaf jekk kinitx parti mill-business. Jikkonferma ukoll li fuq is-socjeta' zgur li kien hemm xi multi. Jikkonferma ukoll li l-konvenut ma kienx nehhieh minn awditur tal-kumpanija.

29. Il-konvenut ighid li r-relazzjoni ma' martu fil-bidu taz-zwieg kienet wahda tajba hafna, izda bdiet sejra lura peress li kien hemm hafna ndhil mill-genituri taghha li kienu jmorru ghandhom ghall-gharrieda u kien kellimhom u qallhom li kien ahjar jekk imorru bl-appuntament. Ighid ukoll li l-attrici riedet tizzewweg malajr ghax kienet imdejjqa fid-dar tal-genituri taghha, izda hu kien irrifjuta. Fl-gherusija jghid li l-genituri tal-attrici kienu jghaddu hafna kummenti u kien jiddejjaq u fil-fatt meta kien imur jigborha kien joqghod jistenna barra. Isemmi incident fejn l-attrici kienet tqila u kien mar jigborha minghand il-genituri taghha u sabha fuq is-sodda, ommha hdejha, b'buddha tar-ramm b'xemgha hdejh u ommha kienet tehodha ukoll ghall-healing services. Ma kienx ha gost b'dan.

Jikkonferma li kellu jiehu decizjoni li ma jhallix it-tfal imorru jzuru n-nanniet materni u dan minhabba li kien hemm incidenti bhal meta omm l-attrici halliet il-pitrolju fuq in-nar u kienet se taqbad id-dar. Missier l-attrici kien jaghmel uzu tal-elettriku bil-kurrent attiv fil-presenza tat-tfal.

Il-konvenut isemmi ukoll li meta l-attrici kienet f' Dar Merhba Bik, hi u habibitha kienu jmorru jaraw xi proprjeta' ma' estate agent ragel u jghid li meta kkonfrontaha kienet qaltlu li riedet tmur tghix f' post gdid.

Ighid li l-attrici gieli kienet taghmillu l-praspar. Kienet thalli t-tfal wahedhom u kienet tigri barra hafna. Kienet ukoill tkissirlu l-forom tax-xemgha li kien jaghmel u taghmilha ta' bir-ruhha li kienet it-tifla li kienet kissrithom u jispjegaha bhala vendikazzjoni.

Jispjega li r-relazzjoni mal-attrici kienet dejjem ahjar meta ma kinux jindahlu l-genituri taghha. Jirreferi ghall-episodju meta kien akkwista television tal-kulur minghand kuginuh u kien konvint li l-genituri tal-attrici kienu rrappurtawh ghax kienu marru tac-CID.

Kien hawn li xtraw post San Giljan u marru jghixu fih. Ighid li kellu suspetti li f'dak iz-zmien martu l-attrici kienet f'relazzjoni adultera ma' certu 789, maghruf bhala 10, u dan kellu bar f'San Giljan, fejn l-attrici kienet tqatta' xi hin hemmhekk. Kien isibha hemm hafna drabi u kienet anke tistieden li dan 89 f'darhom fl-assenza tieghu. Jikkonferma ukoll li dan Muscat kien icempel lill-attrici  u kien jissemma' peress li kellu telephone iehor fil-garaxx.

Il-konvenut ighid li kien argentier fil-bidu taz-zwieg u l-attrici kienet keccietlu l-lavranti kollha. Il-makkinarju li kellu jghid li kien ta' qabel iz-zwieg u iehor kien hadu minghand missieru. Jinnega li xtara xi makkinarju fiz-zwieg, il-makkinarju li ghandu ilu ghandu xi tletin sena. Jikkonferma ukoll li kellu problemi mal-familja tieghu dwar l-oggetti, izda imbaghad irrangaw u ha dak li hu tieghu u kkonferma ukoll li kien hemm sentenza mill-Qorti **Alice Mifsud vs Michael Mifsud** deciza fit-13 ta' April, 2007 fejn kien hemm referenza ghal xi oggetti li kien ha li ma kinux tieghu.[45]

[45] Ara Dok.MRM 8 a fol. 910 tal-process.

Meta l-konvenut xehed fis-16 ta' Dicembru, 2010, ikkonferma li kien qed jahdem biss fil-cafeteria, Sliema Café' f'126, triq Manwel Dimech, Sliema[46] bil-permess[47] u jispjega li kien ser jiftah hanut faccata imma kien ghadu qed jistenna l-permess mill-MEPA. F'dak iz-zmien ighid li kien qed juzah bhala store, izda l-intenzjoni kienet li jiftah take-away. Ighid ukoll li ghandu kamra vicin l-Ghassa tal-Pulizija f'Tas-Sliema u din il-kamra m'ghandix permess u jhalli biss *vending machine* tax-xorb ta' Farsons u malli johorgu l-permessi ighid li kien ser jiftah store u juza' l-hanut faccata tal-cafeteria bhala take-away. Jispjega li dawn il-kmamar kien krihom kollha fuq il-kumpanija u l-attrici ma kinitx prezenti.

Jistqarr li d-dhul tieghu huwa mill-bejgh li jsir gewwa Sliema Café' u mill-kera li jigbor mill-*vending machine,* ihallas Lm60 fis-sena ghall-magna u jimliha hu u jiehu l-qliegh tal-bejgh u jhallas l-ispejjes tad-dawl.

Bhala kirijiet ighid li jhallas is-segwenti:-

i) kera ta' Lm1 kuljum ghall-vending machine;
ii) take-away Lm5 kuljum;
iii) cafeteria Lm4 kuljum.

Dwar hlasijiet tal-VAT il-konvenut jikkonferma li kien ghadu lura.

Il-konvenut esebixxa d-denunzji tal-VAT u jghid li ma kienx hemm introjtu[48] u dan kien bejn 2008-2010 u jghid ukoll li f'dan il-perjodu kien qed idahhal

[46] Ara Dok. MMY 1 a fol, 1020 tal-process.
[47] Ara Dok. MMY 2 a fol.1025 tal-process.
[48] Ara Dok. MMD 1 – MMD 2 a fol. 1030-1031 tal-process.

il-kirjiet, €235 kull xahar ghall-garaxx[49], €925 kull tlett xhur ghal Leli's bar[50] u €3000 li thallas darba ghal Spinola Bar. Jispjega li minn dawn il-flus kien ighix u jhallas xi kontijiet. Mill-istore jghid li ma kien jaqla' xejn, il-bar kien fethu fl-2010, izda kien jahdem ghal zmien bla permess, peress li kellu bzonn jaqla' l-flus u t-takeaway kien ghadu mhux miftuh.

Il-konvenut ighid ukoll li huwa kien kera l-fond 11, Rudolph Street, Sliema lil terzi u kien iffirma l-kuntratt u l-fond gie mikri lil Malson Ltd. Ighid li kien jiehu l-kera hu u kien ihallas manteniment lill-attrici. Pero' l-inkwilin waqaf ihallas u telaq mill-fond, li kien mikri bhala supermarket, izda ntuza' bhala internet café.[51] Ighid li l-inkwilin qatt ma hallas il-kera ta' €17,000 interament.

Dwar manteniment, ighid li minkejja li ma kienx hemm digriet xorta wahda kien jaghti manteniment lil martu. Ighid ukoll li kien jaf li kien hemm xi arretrati ta' manteniment, pero' jinnega li kienu jammontaw ghal €8,900. Jikkonferma li kien jaghmel pagament kull darba li jidher quddiem il-Qorti kriminali u kien anke wehel sentenza ta' habs.

Bhala konferma tal-kirijiet li ghamel il-konvenut, esebixxa l-kuntratt ta' kiri tal-fond 24, St. George's Road, San Giljan ma' 1112, f'Jannar 2008 u li telaq qabel,[52] mbaghad f'Settembru, 2009 kien krieh lil LM, [53] u llum l-inkwilin li hemm ilu mis-sena 2011.

Jispjega li hu biss kien jinnegozja l-kirijiet tal-fondi msemmija u kien jiehu l-kera. Dwar il-kera tal-fond ta' Spinola, San Giljan, ighid li l-kera qed tithallas

---

[49] Ara rcevuti Dok.MMC 2 a fol. 1043 tal-process.
[50] Ara kuntratt ta' kiri Dok.MMC 1 a fol. 1040 tal-process
[51] Ara Dok.MMA 1 u MMA 2.
[52] Ara Dok. MMD 1 a fol. 1053 tal-process.
[5353] Ara Dok. MMd 2 a fol. 1058 tal-process.

lil Bank of Valletta peress li kien ftiehem mal-attrici li jithallas id-dejn. Jikkonferma li kien qed ihallas manteniment lill-attrici, minkejja li kien hemm xi arretrati.

30. David Borg, in rapprezentanza tal-Monte di Pieta', ipprezenta r-rekords tal-partijiet li bdew jitqieghdu fis-sena 1984 u waqqfu fis-sena 2005.[54] Ighid li llum fadlilhom biss zewg poloz f'isem DC, u deskrizzjoni tal-istess kontenut taghhom.[55]

Jispjega li l-valur indikat fuq in-naha t'isfel tal-polza huwa l-ammont ta' flus misluf mill-Monte di Pieta' fuq id-deheb hemm deskritt u ddepositat.

Il-poloz li ma gewx irtirati huma dawk esebiti f'dokumenti DB14[56] u DB 21[57] u ghadhom iddepozitati mal-Monte di Pieta'. Ighid li l-ahhar depozitu sar fis-sena 2005. Il-polza f'dokument DB 12[58] originarjament giet ikkancellata, izda mbaghad giet irtirata.

31. George Cremona in rapprezentanza tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali pprezenta l-beneficcji ppercepiti mill-partijiet. Dwar DC esebixxa l-pensjoni li jircievi u li kieku kien jahdem ma kienx jirceviha.[59] Dwar l-attrici jghid li ma tircievi ebda forma ta' beneficcju.

**IKKUNSIDRAT**

[54] Ara Dok. DB1 u DB2 a fol. 925-927 tal-process.
[55] Ara Dok.DB3 a fol. 929 tal-process.
[56] Ara fol.923 tal-process.
[57] Ara fol.998 tal-process.
[58] Ara fol.996 tal-process.
[59] Ara Dok. GC1 a fol. 1082 tal-process.

**RESPONSABBILITA'**

1. **<u>Dwar Sevizzi, eccessi, ingurji gravi, vjolenza fizika u morali, theddid</u>**

Ir-rikorrenti talbet separazzjoni minn ma' zewgha peress li thoss li rrenda ruhu hati ta' eccessi, sevizzi, ingurji gravi, theddid u vjolenza fizika u morali, filwaqt li l-konvenut iwaddab il-htija fuq l-attrici ghal istess ragunijiet.

Dwar l-addebiti skond l-Art.40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, nghad mill-Qorti Civili, Prim'Awla, fis-sentenza taghha tas-27 ta' Novembru, 2003 fl-ismijiet **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna**, illi: " ***Biex il-Qorti taccetta dawn ir-ragunijiet, jew kwalsiasi wahda minnhom, trid tara li dawn ikunu tali li jirrivestu l-azzjoni proposta u min jaghmilhom hu hati taghhom. Il-kwistjoni hi wahda ta' fatt imhollija fil-valutazzjoni ta' min irid jiggudika, izda meta jirrizultaw, ghandhom indubbjament jifformaw motiv ta' separazzjoni in kwantu jirrendu l-konvivenza komuni difficli jekk mhux impossibbli. Illi "inoltre l-Qorti tirrileva li kif inhu pacifiku "perche' il coniuge offeso possa domandare la separazjone contro il coniuge colpevole non e' necessario che concorrono gli eccessi, le sevizie, le minaccie e le ingurie gravi, ma qualunque di tale cause da solo basta, perche' sia tale da violare profondamente i riguardi della convivenza coniugale. " Elisa Thompson vs. Edward Thompson.***[60]

[60] Prim'Awla tal-Qorti Civili, 12 ta' Mejju, 1925).

Fis-sentenza **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**, l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak li jkun minkejja illi dawn jirreferu ghal affarijiet vera jew foloz."***

Gie ukoll ritenut li ghas-sejba ta' htija fit-tkissir taz-zwieg dawk is-sevizzi, minacci u ingurji gravi jkunu kommessi abitwalment u ripetutament. Fis-sentenza **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti** moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru, 2015 gie ddikjarat illi ***"….mhux kull nuqqas da parti ta' konjugi versu l-konjugi l-iehor jwassal ghas-sevizzi, minacci jew ingurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, maghmula ripetutament u abitwalment, iwegghu u jferu lill-konjugi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir wahda difficli u insopportabbli. Kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza patria: "Per sevizie del senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'anima di colui e sono diretti al punto di ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti [ PA Camilleri utrinque, 16 Marzu, 1898]."***

Ir-rikorrenti ghamlet ukoll referenza ghall-kaz **Catherina Agius vs Benedict Agius,** deciza fit-13 ta' Gunju, 1967 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn gie pprecizat illi l-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40 fuq citat iridu jkunu tali li joholqu sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiccaw ighixu "***f'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insopportabili l'abitazione e la vita comune."***

Tezisti mbaghad id-distinzjoni bejn eccessi u sevizzi. Fadda jghallem illi "***Sono "eccessi" tutti quegli atti di violenza che eccedono ogni misura e***

***che possono mettere in pericolo la vita del coniuge***."[61] Mill-banda l-ohra, ***"Sevizie sono quegli atti di crudelta' verso il coniuge che, se non ne mettono in pericolo la vita, nondimeno quasi quotidianamente lo termentano."*** Baudry Lacantinerie jikkonferma illi "***Gli eccessi sono atti di violenza compiuti da uno dei coniugi verso l'altro e che possono porre in pericolo la salute e per fino la vita della vittima. Le sevizie rappresentano una attenuazione degli eccessi. Consistono in cattivi trattamenti, in vie di fatto che, pur senza minacciare la vita o la salute, rendono pero' insopportabile la coabitazione."***[62]

L-attrici bbazat il-provi taghha dwar responsabbilita' fuq il-fatt li l-konvenut kien xhih maghha, li kien jimpediha milli jara lill-genituri taghha u kien dominanti. Jidher wara li l-attrici kienet marret Dar Merhba Bik, kienu spiccaw jattendu l-counselling u l-konvenut ammetta dawn in-nuqqasijiet tieghu, pero' m'ghamel xejn biex jirrangahom.

Dwar in-nuqqas ta' flus, l-attrici ppruvat li l-konvenut kien igieghla tahdem il-hanut, meta kien jahdem ta' argentier, izda ma kienx ihallasha. Kien ighidilha li qed ihallas id-debiti li kellu mill-bejgh tad-deheb, izda l-attrici ppruvat li d-dejn baqa' jikber u l-istatements tal-bank baqghu l-istess, anzi kienu jizdiedu l-interessi, sakemm saret taf li d-dejn kien wasal ghal nofs miljun Euros, meta rceviet telefonata mill-bank u kienet se tispicca b'stroke u kellha tigi rikoverata l-isptar.

L-attrici batiet finanzjarjament peress li l-konvenut kien ihalliha nieqsa mill-flus. Mill-provi jirrizulta li kienet spiccat tghaddi lill-girien, thit il-purtieri u dan anke sabiex setghet thallas ghall-ezamijiet tal-O' Levels ta' binthom,

---

[61] Giurisprudenza, Art.150, para.214.
[62] Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para.35.

peress li l-konvenut ma riedx ihallas. Anke meta kienet Dar Merhba Bik, biex thallas talli kienet qed tirrisjedi mas-sorijiet, kienet tahsel il-Knisja. Dan kollu gie ukoll ikkonfermat minn bint l-attrici u l-gara Cecilia Sherrat. Kienet taghmel dan ix-xoghol biex setghet tixtri rigali tal-Milied ghal uliedha, filwaqt li l-konvenut kien xtara BMX ghat-tifel peress li kien ighix mieghu u bint il-partijiet tghid li din kien dispjacir kbir ghaliha dak iz-zmien.

Kien hemm ukoll element ta' biza' fl-attrici mill-konvenut, li kien jimpediha milli tagixxi ghall-agir tieghu. Kienet imdejjqa ghaliex ma setghetx tara lill-genituri taghha u kienet tipprova tmur bil-mohbi u l-istess uliedha u jekk kien isir jaf kien jaghmel storja. Bint il-partijiet tikkonferma dan kollu u tghid li kien dispjacir kbir li ma setghetx tgawdi li n-nanniet materni. Kien hemm hafna okkazzjonijiet fejn qattghu l-Milied wahedhom u l-gara taghhom YZ, tikkonferma dan ghax l-attrici kienet tmur ghandha. Tghid ukoll li kien hemm okkazzjoni fejn il-genituri tal-attrici kienu qed jiccelebraw l-anniversarju taghhom u kienet imnikkta ghax il-konvenut ma hallihx tattendi. Missier l-attrici jsemmi pero' li kienet attendiet ghall-funzjoni u kienet marret bil-harba, minkejja li xtaqet tkun hemm peress li kienu gew xi kugini minn barra.

Il-konvenut da parti tieghu ma nnegax li kien ried jaqta' kwalsiasi relazzjoni mal-genituri tal-attrici ghax skond hu kienu jindahlu u kienu jsahhnu lill-attrici kontrih, pero' l-iskuzi li jgib huma ghal kollox ingustifikabbli u frivoli. Missier l-attrici jsemmi illi fil-bidu kienu jaqblu u kien ighin lill-konvenut, izda mbaghad dan tal-ahhar kien qata' kwalsiasi kuntatt.

In vista ta' dawn il-provi indubbjament il-konvenut irrenda ruhu hati ta' sevizzi, ingurji gravi, eccessi u theddid.

**ADULTERJU**

L-attrici takkuza lill-konvenut ta' infedelta' peress li fil-fehma taghha kien imur ma' diversi prostituti li kien jigbor mill-Gzira. L-attrici tghid ukoll li kellhom appartament il-Gzira, li tieghu, il-konvenut qatt ma kien taha cavetta. Meta insistiet li jghaddilha kopja u dahlet fil-fond imsemmi sabet li kien malandat, ghajr ghall-kamra tas-sodda li kienet armata u kienet sabet ukoll rivisti tan-nisa, kif ukoll tissues u wipes u tispecifika li l-atmosfera kienet wahda li donnha lesta biex tilqa' lil xi hadd.

L-attrici gabet ukoll provi permezz ta' ritratti li juri lill-konvenut hiereg minn post f' Tas-Sliema maghruf bhala burdell.

Bint l-attrici ukoll gabet provi li jkomplu jsahhu l-verzjoni tal-attrici. Peress li kienet tahdem fl-inhawi tal-Gzira kienet gieli rat lil missierha jdur fl-akwati. S'intendi l-konvenut jinnega dan kollox, izda bint il-partijiet hija aktar konvincenti, meta ssemmi l-incident ta' meta sabet hsara u tpingiha tal-parti tar-ragel fuq il-vettura taghha, li kienet ghadha gdida. Wara saret taf li peress li gieli selfitha lill-konvenut, kontra r-riedha taghha, il-prostituti kienu hasbu li l-vettura kienet tieghu u kien maghruf maghhom bhala "D tad-deheb" u jidher li kellu xi dejn maghhom u riedu jpattihilu. Madanakollu, il-konvenut ma gab ebda prova biex jirribatti dawn il-fatti, minkejja kemm il-darba nnega kollox meta kkonfrontat mill-attrici.

Oltre minn hekk, l-attrici sahqet illi waqt li kienet tkun fil-hanut tad-deheb, kienu jigu l-prostituti biex ikellmuh u kien ighid li kienu bieghulu d-deheb u kienu jmorru biex jithallsu. L-attrici tikkonferma li dan kollu ma kienx

incident ta' darba, biss biss kien hemm mara li kienet tmur regolari biex titlob il-flus minghand il-konvenut.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Rose Gauci vs Salvatore Gauci"** (P.A. (RCP) 1 ta' Ottubru 2002 - Cit Nru:1365/1997/RCP) fejn din il-Qorti kif presjeduta rriteniet li:-

*"… l-**artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** jghid illi "Kull parti mizzewga tista' titlob il-firda minhabba l-adulterju tal-parti l-ohra". Illi kif tajjeb osservat din il-Qorti fis-sentenza taghha tas-16 ta' April 1953 fil-kawza fl-ismijiet **"Rita Spiteri vs Avukat Dr. Albert V. Grech et noe".** (P.A. (C.C.) Kollez. XXXVII.II.693) l-adulterju "hija bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza sseparazzjoni personali; izda, stante d-diffikulta' tal-prova, kif turi l-assenza ta' dispozizzjoni legislattiva li tillimita dina l-prova, huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizji u prezunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika".* **("Rosina Micallef vs Angelo Micallef"** *Prim'Awla Deciza -27 ta' Gunju 1964)".*

In vista tal-principji fuq l-estrem tal-adulterju, dina l-Qorti hija konvinta li l-attrici rnexxiela tipprova diversi indizji u prezunzjonijiet li l-konvenut irrenda ruhu hati ta' adulterju ukoll.

**<u>MANTENIMENT</u>**

L-artikolu 3 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jikkontempla illi:-

***"Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu hekk jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja."***

L-attrici ddikjarat illi skond digriet tat-22 ta' April, 2009, il-konvenut kien gie ordnat ihallasha s-somma ta' €820 fix-xahar. Sussegwentement, b'digriet tas-27 ta' Ottubru, 2016, il-Qorti ordnat li l-manteniment tal-attrici minghand il-konvenut jitnaqqas ghal €600 fix-xahar.

Il-konvenut ma tahx hjiel tal-introjtu tieghu, hlief li jahdem minn zewg hwienet li ghandu, minn fejn ighid li jdahhal €125 fil-gimgha, izda jirrizulta li sadanittant kien hemm diversi proprjetajiet appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti li nbieghet biex jigi saldat id-dejn mal-banek. Jekk kien fadal xi rikavat, dan inqasam bejn il-partijiet, kif ikkonfermat l-attrici.

Jirrizulta ukoll li jezistu diversi arretrati ta' manteniment, li jammontaw sal-11 ta' Frar, 2016 kienu jammontaw ghal €26, 793 u tghid li kien ghad baqghalu jhallasha ta' parti mis-sena 2012 u 2013 sa 2016.

Da parti taghha, l-attrici mhix f'posizzjoni li tahdem u sahanistra ressqet il-provi ta' Dr. X, li kkonferma l-gravita' tal problemi tas-sahha tar-rikorrent li jimpeduha mill-tahdem, apparti l-fatt li kienet se tmut minhabba attentat ta' puplesija. Tbati ukoll minn hypertension u kienet ukoll tbati minn depression, fatturi kollha li kienu jaghmluha difficli biex tmur tahdem.

Illi mid-digriet tas-27 ta' Ottubru. 2019, l-attrici donnha ma reggghetx hasset il-htiega li titlob varjazzjoni tal-ammont tal-alimenti u ghaldaqstant tenut kont tar-

ragunar tal-Qorti u tenut kont li llum huwa minnu li hafna mill-proprjetaiiet verament inbieghu, dan l-ammont ta’ manteniment ghandhu jibqa’ applikabbli.

Il-konvenut ghandu ukoll ikun responsabbli ghall-hlas tal-arretrati ta’ manteniment sas-sena 2016 u minkejja li ma ngabu ebda provi biex juru li kien hemm aktar arretrati lil hemm mis-sena 2016, ghandu jkun responsabbli ghalihom ukoll ikkalkulat fuq l-ammont skond id-digriet tas-27 ta’ Ottubru, 2016 u cioe’ l-ammont ta’ €600 fix-xahar.

**KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

Il-partijiet kellhom diversi proprjetajiet u diversi djun. Fil-mori tal-proceduri hafna minn dawn il-proprjetatjiet inbieghu jew inghataw lill-banek sabiex jigi ssaldat id-dejn.

Gie stabbilit li bhala mmobbli kien fadal id-dar matrimonjali, “Navillus,” Triq Lapsi, San Giljan, flimkien mal-garaxx sovrastanti, fejn kienet qed tghix l-attrici u kkonfermat ukoll li binhom kien ighix hemm, flimkien mal-partner tieghu u binhom.

Hemm ukoll il-fond fejn qed ighix il-konvenut u cioe’ l-maisonette 189, Triq Saint Albert, Gzira.

Mill-atti tal-process jirrizulta li l-partijiet kienu qablu li l-attrici tigi assenjata d-dar matrimonjali fuq imsemmija, bil-garaxx anness, filwaqt li l-konvenut izomm il-fond fuq imsemmi fil-Gzira.

Il-proprjeta' parafernali li tinstab gewwa d-dar matrimonjali u ddentifikat mill-attrici ghandha tinzamm minnha. Il-bqija tal-mobbli ghandhom jinzammu mill-attrici ghas-saldu ta' sehemha mill-vetturi vintage msemmija aktar 'l isfel.

Il-garaxx fi Triq San Mikiel, San Giljan, dejjem kienet kirja ta' garaxx, izda tghid li llum il-garaxx, li jesa' ghaxar karozzi, qed jintuza mill-konvenut u binhom ghall-karozzi tat-tifel. Tghid li t-tifel huwa car dealer u jinnegozja minn dan il-garaxx.

Jidher li l-partijiet m'ghandhomx problema li dan il-garaxx jibqa' jintuza minn binhom u ghaldaqstant ikun opportun li l-garaxx jibqa' in komun bejn il-partijiet sakemm m'ghadx hemm debiti ezistenti mal-banek jew sakemm binhom ma jiddecidix li jieqaf bin-negozju tieghu . Mill-assjem tal-provi, jirrizulta li hafna mid-debiti bankarji gew saldati mill-bejgh tal-proprjetajiet appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti, izda ma jirrizultax car jekk effettivament dawn id-debiti gewx saldati *in toto* u ghalhekk l-ewwel dina l-proprjeta', jekk huwa l-kaz ghandha ssalda kwalisasi debiti rimanenti.

Fir-rigward il-garaxx St.Rita, 16, Triq L-Imsierah. San Gwann fejn jinsabu diversi vetturi *vintage* li jhobb jikkollezzjona l-konvenut. Mill-atti processwali jirrizulta li l-konvenut kien dispost li jghaddi l-vetturi *vintage* (skond ma jirrizulta mill-mandat ta' deskrizzjoni) lill-attrici, izda apparti li zgur l-attrici m'ghandha l-ebda interess taghhom u l-ebda utilita' ghalihom, dawn ghandhom jigu assenjati lill-konvenut, flimkien mal-istess garaxx.

Ghandu jigi pprecizat ukoll li fi hdan il-garaxx hemm zewg vetturi Volkswagen Beetle, li jappartjenu lil bin il-partjiet.

Dwar Leli's Bar, Triq Belvedere, Gzira dan jinstab maghluq u ma jirrizultax li l-konvenut qed idahhal ebda ntrojtu minnu. Tghid li tul il-kirjiet, kien izomm il-kera l-konvenut. Skond il-valutazzjoni tal-Perit Godwin P. Abela dan il-fond ghandu valur ta' €57,000.

**<u>MAKKINARJU U DEHEB</u>**

Peress li l-konvenut kien jahdem bhala argentier qabel ma beda jiftah diversi hwienet, kien investa f'hafna tipi ta' makkinarju biex ikun jista' jahdem is-sengha tieghu. Mill-provi, l-attrici tikkonferma li hafna minn dan il-makkinarju kien inxtara fiz-zwieg u kellu valur ta' cirka €100,00 Telenka diversi makkinarju u l-prezz taghhom u mill-provi ma jidhirx li gew ikkontestati mill-konvenut, minkejja li l-attrici tghid li skond il-mandat ta' deskrizzjoni kien hemm makkinarju nieqes.

L-attrici semmiet ukoll li fit-tieg kienu rcevew diversi rigali tal-fidda u deheb u l-konvenut kien hadhom biex idewibhom u jibda n-negozju tieghu ta' argentier. Dan huwa kkonfermat minn missier l-attrici.

Oht il-konvenut ukoll isemmi li kien hemm xi kwistjonjiet mal-konvenut rigward il-wirt u xi oggetti li kien ha l-konvenut, tant li kienu spiccaw il-Qorti.

Mal-makkinarju, jissemma' ukoll id-deheb, fided u d-djamanti li kien hemm bhala stock fil-hanut li kienu jiggestixxu flimkien u li l-attrici tghid li meta naghlaq l-istess hanut, il-konvenut kien ha dawn id-dehebijiet kollha u ma regghetx rathom. Il-konvenut jichad dan u jinsisti li l-attrici hadithom. Il-verzjoni tal-attrici hija aktar verosimili, partikolarment, meta tghid li kienet nizlet fil-hanut u sabitu qed izarma kollox  ghax kien bi hsiebu jiftah hanut tal-gelati fl-istess fond.

Sister HI, tikkonferma ukoll li fil-presenza taghha, l-attrici kienet ghaddiet lill-konvenut boroz tad-deheb li kienet hadet maghha l-attrici u kellhom xi valur ta' cirka LM40,000.

In vista ta' dawn l-mobbli li tnaqqsu mill-komunjoni u tenut kont li l-attrici m'ghandhiex in-necessita' tal-makkinarju a saldu ta' sehemha mill-istess ghandha tigi assenjata l-fond Leli' s Bar, Triq il-Belvedere, Gzira.

Kif ukoll il-poloz iddepositati mal-Monte' di Pieta' ghandhom jigu zbankati u assenjati lill-attrici.

**<u>KONTIJIET MAL-ARMS LTD.</u>**

Kwalsiasi pendenzi tal-kontjiet tad-dawl u ilma mal-entita' ARMS Ltd. ghandhom jithallsu mill-konvenut u dan ukoll skond id-digriet ta' din il-Qorti datat 27 ta' Ottubru, 2016. Mid-data ta' din is-sentenza, l-attrici ghandha tkun responsabbli ghall-kontijiet u utilitajiet ezistenti fil-proprjeta' assenjata lilha.

**<u>SOCJETA' MALSON LTD.</u>**

Mill-provi jirrizulta li dina s-socjeta' twaqqfghet mill-konvenut fis-sena 1998 u kien l-uniku azzjonist u kien jiggestixxi kollox hu, ghax principalment kienet twaqqfet minhabba n-negozju tieghu ta' argentar. Jirrizulta li dina s-socjeta' kienet sid ta' diversi proprjetajiet li kienu jigu mikrija mill-konvenut. L-attrici ma kienitx konsapevoli ta' din is-socjeta' u l-assi li kienu jappartjenu lilha, Tant hu hekk li l-accountant Charles Scerri ighid li l-accounts li pprezenta kienu ghas-snin li ghalqu f'Gunju, 1999 u Gunju, 2000. Dawn l-accounts juru li s-socjeta' kienet wahda "dormant" u non-trading. Ikkonferma ukoll li s-socjeta' kellha

kontijiet mal-APS u ighid li f'Gunju, 2000 l-kumpanija kellha djun ta' Lm17,781. Jikkonferma ukoll li fuq is-socjeta' zgur li kien hemm xi multi. Jikkonferma ukoll li l-konvenut ma kienx nehhieh minn awditur tal-kumpanija.

Ghaldaqstant, is-socjeta' Malson Ltd. ghandha tigi assenjata lill-konvenut u ghandu jkun responsabbli ghal kwalsiasi dejn relatati mal-istess socjeta', kif ukoll kwalsiasi djun ezistenti mal-banek lokali f'isem il-kumpanija.

**<u>KONTIJIET BANKARJI/DJUN</u>**

Kull parti ghandha zzomm il-kontijiet bankarji appartenenti lilhom.

Kull dejn, jekk jirrizulta li ghad hemm peress li jidher fil-maggoranza li l-kontijiet kienu thallsu kwasi kollha, ghandu jigi saldat kif imsemmi aktar 'l fuq u r-rimanenti bilanc ghandu jkun responsabbilita' tal-konvenut u dan tenut kont tad-diversi kirijiet li kien qed jircievi l-konvenut u qatt ma tah sehem minnhom lill-attrici.

**<u>DEKADENZA</u>**

In vista tal-fatt li l-Qorti wasslet biex iddecidiet li z-zwieg tfarrak irrimedjabilment minhabba htija tal-konvenut minhabba adulterju, fost ohrajn l-applikazzjoni taht id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kodici Civili ghandha tigi applikata.

**<u>DECIDE</u>**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Onorabbli Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-konvenut irrenda ruhu hati ta' adulterju, sevizi, ingurji u offizi gravi;

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' €600 kull erba' gimghat, flimkien mal-arretrati tal-manteniment msemmija aktar 'l fuq;

3. Tilqa' t-tielet talba in vista tal-adulterju kommess;

4. Tilqa' s-seba' talba u tinnomina lin-Nutar Dr. Clinton Bellizzi u l-kuraturi tat-turn, sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

5. Tilqa' l-hames talba skond il-likwidazzjoni fuq imsemmija u assenjata kif hemm indikat;

6. Tilqa' s-sitt talba ghar-ragunijiet fuq imsemmija;

7. Tilqa' is-seba' talba;

L-ispejjez ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Deputat Registratur**